



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 106/24

il-Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-626/22 | Ilva et

### L-operat tal-impjant tal-azzar Ilva għandu jiġi sospiż jekk dan jippreżenta perikoli gravi u sinjifikattivi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem

Hija l-Qorti Distrettwali ta' Milano li għandha tevalwa dan

Il-kunċett ta' "tniġġis" fis-sens tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali jinkludi d-dannu lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem. L-evalwazzjoni minn qabel tal-impatt tal-attività ta' installazzjoni bħall-impjant tal-azzar Ilva fin-Nofsinhar tal-Italja għandha għalhekk tiffirma parti integrali mill-proċeduri ta' ħruġ u ta' eżami mill-ġdid tal-awtorizzazzjoni għal operat previsti minn din id-direttiva. Matul il-proċedura ta' eżami mill-ġdid, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sustanzi li jniġġsu marbuta mal-attività tal-installazzjoni, anki jekk dawn ma jkunux ġew evalwati matul il-proċedura ta' awtorizzazzjoni inizjali. Fil-każ ta' perikoli gravi u sinjifikattivi għall-integrità tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, l-operat tal-installazzjoni għandu jiġi sospiż.

L-impjant tal-azzar Ilva jinsab f'Taranto fin-Nofsinhar tal-Italja. Huwa beda l-attivitàjiet tiegħu fl-1965. B'madwar 11 000 impjegat u kważi 1 500 ettaru ta' superfiċji, dan huwa wieħed mill-ikbar impjanti tal-azzar fl-Ewropa.

Fl-2019, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat li l-impjant tal-azzar kellu effetti ta' ħsara sinjifikattivi fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tar-residenti<sup>1</sup>. Sa mill-2012 ġew previsti miżuri intiżi li jnaqqsu l-impatt tiegħu, iżda t-termini għall-implimentazzjoni ġew regolarment posposti.

Diversi abitanti taż-żona ressqu azzjoni quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Milano kontra t-tkomplija tal-operat tal-impjant tal-azzar. Huma jsostnu li l-emissjonijiet tiegħu jagħmlu ħsara lil saħħithom u li l-installazzjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali<sup>2</sup>.

Il-Qorti Distrettwali ta' Milano staqsi jekk il-leġiżlazzjoni Taljana u r-regoli derogatorji speċjali applikabbli għall-impjant tal-azzar Ilva sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tiegħu jmorru kontra d-Direttiva. Għaldaqstant, hija adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza qabel kollox **ir-rabta stretta bejn il-protezzjoni tal-ambjent u dik tas-saħħa tal-bniedem**, li jikkostitwixxu **għanijiet ewlenin tad-dritt tal-Unjoni**, iggarantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hija tirrileva li d-Direttiva tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u sabiex jiġi ssalvagwardat id-dritt li wieħed jgħix f'ambjent xieraq li jiżgura s-saħħa u l-benesseri.

Filwaqt li, skont il-Gvern Taljan, id-Direttiva ma tagħmel ebda riferiment għal evalwazzjoni tad-danni għas-saħħa, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-kunċett ta' "tniġġis" fis-sens ta' din id-direttiva jinkludi d-dannu kkawżat kemm lill-ambjent kif ukoll lis-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant, **l-evalwazzjoni minn qabel tal-impatt tal-attività ta' installazzjoni bħall-impjant tal-azzar Ilva fuq dawn iż-żewġ aspetti għandha tiffirma parti integrali mill-proċeduri ta' ħruġ u ta' eżami mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni għal operat**. Issa, skont il-Qorti Distrettwali ta' Milano, dan ir-rekwiżit minn qabel ma ġiex osservat f'dak li jirrigwarda danni għas-saħħa. L-operatur għandu wkoll

jevalwa dawn l-effetti matul il-perijodu kollu tal-operat tal-installazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, skont il-Qorti Distrettwali ta' Milano, ir-regoli speċjali applikabbli għall-impjant tal-azzar Ilva ppermettew li tinħariġu awtorizzazzjoni ambjentali u li din tiġi eżaminata mill-ġdid mingħajr it-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti sustanzi li jniġġsu jew tal-effett noċiv tagħhom fuq il-popolazzjoni tal-madwar. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **l-operatur ta' installazzjoni għandu jipprovdi, fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni inizjali tiegħu, informazzjoni dwar in-natura, il-kwantità u l-effett potenzjalment ta' ħsara tal-emissjonijiet li jistgħu jiġu prodotti mill-installazzjoni tiegħu.** Biss is-sustanzi li jniġġsu meqjusa li għandhom effett negliġibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent jistgħu ma jkunux suġġetti għall-osservanza tal-valuri limitu ta' emissjoni fl-awtorizzazzjoni għal operat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, kuntrarjament għal dak li jsostnu Ilva u l-Gvern Taljan, **il-proċedura ta' eżami mill-ġdid** ma tistax sempliċement tistabbilixxi valuri limitu għas-sustanzi li jniġġsu li l-emissjoni tagħhom kienet prevedibbli. **Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-emissjonijiet effettivament iġġenerati mill-installazzjoni kkonċernata matul l-operat tagħha u li jkunu jirrigwardaw sustanzi oħra li jniġġsu.**

**Fil-każ ta' ksur** tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-operat tal-installazzjoni, **l-operatur għandu jieħu immedjatament il-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxi mill-ġdid, fl-iqsar żmien possibbli, il-konformità tal-installazzjoni tiegħu ma' dawn il-kundizzjonijiet.**

**Fil-każ ta' perikoli gravi u sinjifikattivi** għall-integrità tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, **it-terminu sabiex jiġu applikati l-miżuri ta' protezzjoni** previsti fl-awtorizzazzjoni għal operat **ma jistax jiġi estiż b'mod repetut, u l-operat tal-installazzjoni għandu jiġi sospiż.**

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> Evalwazzjonijiet tad-danni għas-saħħa mwettqa fl-2017, fl-2018 u fl-2021 jistabbilixxu l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-deterjorament fl-istat ta' saħħa tal-abitanti tar-reġjun ta' Taranto u l-emissjonijiet tal-impjant tal-azzar Ilva, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-partikoli fini PM<sub>10</sub> u d-diossidu tal-kubrit (SO<sub>2</sub>) ta' oriġini industrijali. Instabu sustanzi li jniġġsu oħra marbuta mal-attività tal-impjant tal-azzar, bħar-ram, il-merkurju u n-naftalina, kif ukoll partikoli fini PM<sub>2.5</sub> u PM<sub>10</sub>. Frapport ta' Jannar 2002 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti, l-agglomerazzjoni ta' Taranto tinsab fil-lista ta' "żoni ssagrifikati". Dawn huma żoni kkaratterizzati minn livelli estremi ta' tniġġis u ta' kontaminazzjoni minn sustanzi tossiċi li fihom il-popolazzjonijiet vulnerabbli u emarġinati jsofru ħafna iktar mill-oħrajn il-konsegwenzi fuq is-saħħa, id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent b'riżultat tal-espożizzjoni għat-tniġġis u għas-sustanzi perikolużi.

<sup>2</sup> [Direttiva 2010/75/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis).